17 ta' Jannar, 2023

**Onor Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard**
**Onor Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza Byron Camilleri**

Wara l-konklużjoni tal-inkjesta dwar l-fatti u ċ-ċirkostanzi li waslu għall-qtil ta' Bernice Cassar li seħħ nhar it-22 ta' Novembru 2022, u fid-dawl tal-fatt li hemm proċeduri kriminali pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti, l-esponent jirrakkomanda li jiġi għall-inqas kunsidrat serjament dan li gej:

Li ma jsir xejn li jista' jippreġudika l-proċess ġudizzjarju li għadu sub judice.

Li għalhekk għandhom f'dan l-istadju u fil-pendenza tal-proċess kriminali jiġu ppublikati biss il-Konklużjonijiet u r-Rakomandazzjonijiet tal-imsemmija inkjesta.

17.1.23

Imħallef (Irtirat) G. Valenzia

**Konkluzzjonijiet**

L-esponent ma jistax ighid li dak li gara kien direttament tort ta' xi hadd partikolari imma s-sistema kollha tad-DV ma hadimtx kif kellha tahdem billi ma pprotegietx lil min kien qed jitlobha ripetutament ghal-protezzjoni.

Is-sistema ma hadmitx minhabba *(1) lack of resources* u *(2) increasing workload.*

Fir-rigward tal-Pulizija dan wassal ghal dewmien fl-ipprocessar tar-rapporti, *bad or no risk assessment* u rispons mhux adekwat u mmedjat da parti tal-Pulizija.

Fir-rigward tal-Qorti n-nuqqas tar-rizorsi u l-workload tal-Magistrat wassal ghal dewmien biex jigu appuntati u jinstemghu l-kawzi.

**Rakkomandazzjonijiet**

Ricerka, dokumentazzjoni u rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' domestic violence hemm kemm trid; tant hu hekk li nkiteb li dina l-inkjesta saret ghal xejn u ma kienitx mehtiega.

Intqal mix-xhieda mismugha, li jinghad kemm jinghad, jinkiteb kemm jinkiteb, ilkoll nafu x'inhuma l-problemi, [dewmien u nuqqas ta' rizorsi]. Isiru ricerki kemm trid, ilhom snin isiru priedki pero' fil-prattika ma jsir xejn u kollox jibqa' ghaddej avolja huwa maghruf li s-sistema hija mhijiex qed tahdem.

L-esponenti se jaghmel referenza ghal xi ftit mid-dokumentazzjoni li ssemmiet.

Malta's National Strategy on Gender Based violence and domestic violence [2021-2022] fejn hemm indikata kull entita' u x'ghandha taghmel.

Rizultati tas-survey tal-FRA dwar l-esperjenza tan-nisa fl-istati membri tal-Unjoni Ewropeja. Ricerka u rizultati tal-comparative-law survey.

Istanbul Convention li dahlet in vigore fl-2011 u li giet ratifikata minn Malta fil-2014 li tirrikjedi li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja jinvestu f'programmi u qafas legali ta' vjolenza domestika li jrid jkun bazat fuq erba pilastri ta'

- Integrated policies and data collection
- Prevention
- Protection
- Prosecution

Il-Basline Evaluation Report on Malta tal-Grevio li jaghmel rakkomandazzjonjiet biex l-Kummissjoni twettaq l-istrategija nazzjonali tal-Gvern u l-follow-up tal-Gvern. Grevio tindika x'ghandu jsir biex jintlahqu l-ghanijiet tal-Konvenzjoni.

Il-Kummissjoni fuq Gender-Based Violence, li hawn Malta hija responsabbili ghal *coordination, implementation, monitoring and evaluation of policies and measures to prevent and combat all forms of violence covered by the Istanbul Convention.* Ix-xoghol taghha hu li taghti parir lill-Ministru inkarigat wara li jigu kkummissjonati ricerki. Hemm l-Inter Ministerial Committee fejn hemm rapprezentati tal-ministeri kollha li ghandhomx x'jaqsmu mal-vjolenza domestika.

ENGAGE *Roadmap for frontline professionals interacting with male perpetrators of domestic violence and abuse to ensure a coordinated multi-agency response to perpetrators*

*Practical Implications of Current Domestic Violence Research: For Law Enforcement, Prosecutors and Judges.* A.R. Klien - U.S. Department of Justice

Studju maghmul mill-fakulta' ghal Social Well-being tal-Universita' ta' Malta.

Hemm hafna proposti, imma l-implimentazzjoni hija nieqsa. Hemm bzonn li r-rizorsi jkunu hemm biex dina l-implimentazzjoni tkun effettiva. Jista' jkollok l-aqwa sistema imma din ma tistax tahdem jekk m'ghandekx ir-rizorsi. Mhux eskluz lanqas li jista' jkollok kazijiet ohra bhal ta' Bernice Cassar nonostante li kollox ikun kif suppost. Din mhijiex problema f'Malta biss. Imma b'sistema li ma tahdmix hemm aktar cans li jerga' jinqalghu kazijiet simili.

Trid tigi mtejba s-sistema billi jizdiedu n-nies u r-rizorsi u jiddahhlu metodi ohra, anke godda fejn jigu involuti l-agenzjii kollha - *multidisciplinary approach* – possibilment taht saqaf wiehed b'mod li l-vittma tigi realment u kemm jista jkun maljar protetta meta titlob l-ghajnuna.

Ghal kull buon fini, u biex l-esponent iressaq il-*cry for help* li semgha kemm tal-operaturi tas-sistema u tal-vittmi, l-esponent se jirrakomanda dan li gej ghal kull valur li jista' jkollu.

**Suggerimenti dwar kif is-sistema prezenti tista' tigi mtejba biex vittimi jigu adegwament u mmedjatament protetti u biex jitnaqqas jew jitnehha d-dewmien fil-proceduri tat-tehid tar-rapporti mid-DVU u l-appuntamenti tal-kawzi mill-Qorti.**

**Definizzjoni ta' x'inhi family u domestic violence unit**

Id-definizzjoni ta' **family u domestic unit** kif inhi fil-ligi taghna hija wiesa hafna u tkopri hafna sitwazzjonijiet li mhux necessarjament jitqiesu bhala domestic violence ghax ma tezistiex *pattern of behaviour*. Ko-inwilini li joqghodu f'post wiehed biex jiffrankaw il-kera, u barranin li qedghin f'Hut jekk ikollhom kwistjoni bejnithom, huma kkunsidrati bhala domestic violence. Il-Kapitolu 581 - Gender-Based Violence and Domestic Violence Act ghandu jigi emendat f'dak li hija definizzjoni ta' family or domestic unit biex jigu separati dawn it-tip ta' rapporti minn dawk ir-rapporti li huma verament ta' domestic violence. Din hi wahda mir-ragunijiet ghaliex ir-rapporti zdiedu u zdied il-pressure fuq il-Puliziia b'rizultat li hemm dewmien biex jinstemghu ir-rapporti kif ukoll biex jinstemghu l-kawzi.

**Filtering tar-rapporti - triage**

Ir-rapporti zdiedu mhux biss ghax id-definizzjoni ta' DV hija wiesa imma hemm ragunijiet ohra, bhal *backlog* minhabba l-Covid u zieda fl-*awareness* fuq abbuz domestiku. Meta s-sistema tar-rapporti giet centralizzata id-Depot ir-rapporti ma baqghux jigu investigati fid-distrett, imma mill-Pulizija tad-DVU b'mod li gew inundati b'rapporti li gejjin minn Malta kollha minghajr distinzjoni jew *filtering* u b'nuqqas ta' staff. Dan wassal biex iz-zmien ta' stennija biex taghmel rapport sar jiehu hafna sieghat anke hamsa jew seba' sieghat. Inoltre ma hemmx bizzejjed *complement* ta' pulizija fid-DVU biex jisimghu dawn ir-rapport kollha fi zmien ragjonevoli. Ir-rapporti jinstemghu wiehed wara l-iehor u dana jiehu hafna hin kif ukoll fi spazju limitat u mhux adegwat.

Hemm qbil li anke fis-sistema prezenti ghandu isir xi tip ta' triage fid-distrett meta jsir rapport billi jsiru xi domandi semplici biex ir-rapport

jigi inizjalment assessjat u filtered qabel jintbaghat id-Depot. Generalment in-nies fid-distrett ikunu maghrufa mill-Pulizija. Hemm bzonn li jkun hemm triage meta r-rapporti jsiru Depot biex dawk li huma verament urgenti jew serji jinghataw il-precedenza. Ghalkemm hemm qbil in generali fuq dan is-suggeriment gew indikati problemi bhal nuqqas ta' staff biex jaghmlu dana t-triage. Inoltre mhux dejjem triage jahdem ghax jista' jinqala' l-inkwiet [u diga kien hemm kazijiet] meta nies li jkunu qed jistennew ihossu li qed jinqabzu.

**Risk assessment**

Is-sistema tar-risk assessment u l-metodu li qed jintuza bhal issa [DASH] jrid jigi rrangat jew jinbidel ghax kif gja gie rrimarkat dawn ir-risk assessments qed isiru ghalxejn jew mhux qed isiru kif suppost. Issemmiet is- [SARA] Spousal Assault Risk Assessment Guide u l-Dynamic Risk Analysis System (DyRiAs) bhala metodi.

Ir-risk assessment m'ghandux isir darba biss imma skond il-kaz u l-evoluzzjoni tieghu.

Irid ikun hemm aktar tahrig dwar kif isir ir-risk assessment u dana minn persuni li huma kwalifikati u mharrga.

Ir-risk assessors jkunu fid-DVU [u mhux jigu msejjha d-Depot ghal kull kaz] u jew f'agenzji jekk dawn xi darba se jkunu taht saqaf wiehed.

**Aktar rizorzi**

Hemm bzonn ta' aktar rizorsi *across the board* fid-DVU, il-Qorti u social workers biex is-sistema tigi implimentata kif suppost.

**Pulizija**

Supt. J.Fenech semma l-bzonnijiet li hemm fid-DVU u li huma mhumiex jahdmu bil-full complement. Il-bzonnijiet li hemm, ilhom jissemmew,

Xi passi f'dan ir-rigward diga bdew jittiehdu.

**Qorti -Appuntamenti tal-kawzi u dewmien.**

Fil-Qorti jirrizulta li hemm Magistrat wahda li qed tisma' dawn il-kazijiet kollha tad-*domestic violence* apparti xoghol iehor li ghandha. Dan qed iwassal biex dawn il-kawzi mhux qed jinstemghu fi zmien ragjonevoli. Appuntamenti ta' sentejn biex tibda tinstemgha kawza mhux accettabili meta jista' jkollok *time bomb* f'idejk.

In-nomina ta' Magistrat iehor hu pass tajjeb imma mhux se ssolvi l-problema ghal kollox. Kif izzid il-Magistrati se jkun hemm bzonn ta' zieda min-naha tal-Pulizija biex ilahhqu mas-seduti.

Irid ikun hemm aktar seduti fejn jinstemghu kawzi ta' vjolenza domestika u jsir *filtering* taghhom biex jinstemghu skont l-importanza taghhom. Inoltre l-ammissjonijiet li jsiru quddiem il-Qorti ghandhom jigu ezaminati bir-reqqa u jekk hemm bzonn mhux fil-kurituri tal-Qorti meta jissejhu l-kawzi.

Irid ikun hemm aktar koordinazzjoni bejn il-Qorti tal-Magistrati li tisma' l-kazijiet ta' domestic violence u l-Qorti tal-familja biex jigu evitati sitwazzjoni bhal dik ta' Bernice Cassar fejn il-Qorti tal-Magistrati taghti l-Protection Order u l-Qorti tal-familja taghti tlett accessi fil-gimgha u anke sleep over lill-perpetrator.

**Protection and Treatment Orders**

Protection Orders huma necessarji biex iharsu lill-vittma mill-vjolenza domestika u jzommuha milli teskala. Izda minghajr monitoragg u kontrol fuq il-perpetrator is-sistema ma tistax tkun effettiva.

Il-Protection Order m'ghandiex tohrog biss fuq talba tal-vittma kif generalment isir.

Hu importanti li meta tinkiser l-Protection Order dina tittiehed bis-serjeta' u tittiehed azzjoni immedjata biex il-*perpetrator* jigi arrestat immedjatament. Meta tinkiser il-Protection Order il-kawza fil-mertu ghandha tinghata precedenza.

**Social Workers**

Hemm *shortage.* Dawn is-*shortages* iridu jigu indirizzati b'mod immedjat.

**Tagging**

Hemm il-hsieb [anke hemm proceduri fil-Parlament] li jigi introdott l-*electronic tagging*. Din ukoll se tirrikjedi aktar rizorsi u monitoragg biex tahdem sew u biex jkun hemm kontroll effettiv fuq il-perpetrator. Il-Pulizija jsostnu li huma ma jstghux u m'ghandhomx in-nies biex jimmonitarja 24/7 lil kull wiehed li jkollu protection order. Hi ukoll sistema li tiswa' l-flus. F'certi pajjizi il-perpetrator jigi mgieghel hu jhallas ghal ispejjez tat-tagging u monitoring. Hemm ukoll il-problema tal-privacy u data protection. Gie suggerit li *tagging* ikun f'idejn Agenzija ghal dan il-ghan.

Il-Ligi taht l-artikolu 412(c) tal-Kap 9 diga tipprovvdi li: (6) *When issuing a protection order under this article, the Court shall immediately communicate such order to the Commissioner of Police, who shall take all actions necessary to ensure monitoring of the conditions of such order, including, if appropriate, by electronic means.*

**Standard Operating Procedures**

Vjolenza domestika hija problema kumplessa billi tinvolvi diversi agenziji u jehtieg li dawn jigu ko-ordinati u li jkun hemm ko-ordinazzjoni anki bejniethom. A *standard operating procedure* [SOP] hija necessarja kemm ghall-Agenzija innifisha [DVU] kif ukoll bejn l-agenzji, specjalment s-servizzi tas-sahha, hidma socjali u infurzar tal-ligijiet. Dawn il-proceduri jridu jindikaw b'mod car kif il-pulizija, l-Qrati u l-professjonisti koncernati ghandhom jahdmu flimkien. Wasal iz-zmien biex tigi implimentata l-Multi-Agency Risk Assessment Management (MARAM) li 'lha mill-2017 biex tigi attwata. Din is-

sistema tipprovdi *set-up for sharing expertise and experience in handling high risk cases*.

### Hubs

Id-depot mhux l-ambjent addattat biex vittimi jaghmlu r-rapporti fuq vjolenza domestika. Vittmi u anke tfal qed jigu esposti ghal ambjent fejn hemm id-Drug Squad u CID bil-pulizija ghaddejin quddiemhom armati. Dawn mhux affarijiet li ghandhom jaraw it-tfal u l-vittmi.

Wasal iz-zmien biex id-DV tohrog minn hemm ghal go binja aktar accessibili u user friendly. Issemma li hemm il-hsieb li jitwaqqfu zewg *hubs* barra mid-depot fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Malta fejn ikun hemm teams specjalizzati u possibilment f'binja wahda ma' agenzji ohra li jipprovvdu l-istess servizz li issa qed jinghata mid-depot. Dan se jinvolvi aktar finanzi u rizorsi.

### Tahrig

Tahrig tal-pulizija bhalissa qed isir. It-tahrig irid ikun iffukat fuq ix-xoghol partikolari li qed isir minn dan il-unit specjalizzat, u nkluz ma' dan it-taghlim irid ikun hemm l-implimentazzjoni fil-prattika. Bhal issa dan huwa *optional* u mhux mandatorju. Tahrig fuq dana is-suggett ghal gudikanti huwa importanti ukoll.

### Rijabilitazzjoni

Il-problema dwar vjolenza domestika trid tigi ndirizzata holistikament mhux biss billi tiehu hsieb il-vittma imma anke l-*perpetrator* permezz ta' monitoragg u *treatment orders*. M'ghandiex tkun biss kwistjoni ta' mizuri li jservu ta'deterrent billi dawn jistghu jkunu anke kontro-producenti f'certi sitwazzjonijiet. Il-vittma pero' trid tibqa' fic-centru tal-attenzjoni.

Il-problema hija wkoll wahda ta' kultura fejn ir-ragel ihossu li ghandu kull dritt li jimponi fuq il-mara r-rieda tieghu. Kwazi mistennija li jekk ragel ma jaghmilx hekk, l-irgiel ohra ma jarawhx bhala ragel.

Min-naha l-ohra gie notat li ragel juza l-ponn imma mara tuza l-mohh u l-ilsien. Hemm bzonn ghalhekk bdil fil-kultura li pero trid tibda' minn edukazzjoni kontinwa. Kif issemmi l-Istanbul Convention fl-artikolu 14 dwar l-edukazzjoni, "*Attitudes, convictions and behavioural patterns are shaped very early on in life. The promotion of gender equality, mutual respect in interpersonal relationships and non-violence must start as early as possible and is primarily a responsibility of parents. Educational establishments, however, have an important role to play in enhancing the promotion of these values". It is an obligation on Contracting States to develop preventive intervention and treatment programmes to help perpetrators change their attitudes and behaviour in order to prevent further acts of domestic violence*. [Article 16].

**G.Valenzia**

**Imhallef (Irtirat)**